**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 43**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta urġenti nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2022 fl-4.30pm.

Din il-laqgħa kellha ssir online minħabba l-Covid 19, u peress li wħud mill- Membri tal-Kunsill huma anzjani u/jew oħrajn jgħixu ma' persuni vulnerabbli u qegħdin fi kwarantina volontarja u/jew mandatorja.

**Preżenti:**

Noel Muscat - Sindku

Anna Pisani - Kunsillier

Rowena Scicluna - Kunsillier

Theresa Valentino - Kunsillier

Paul Fenech - Kunsillier

Alex Chetcuti - Kunsillier – 5.15pm

Matthew Bonello - Kunsillier

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Dep. Segretarju Eżekuttiv

Il-Viċi Sindku talbet sabiex tkun skużata minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat<br>Sindku

Clarissa Buhagiar<br>Dep.Segretarju Eżekuttiv

**43.1 Approvazzjoni ta' Minuti**

43.1.1 Il-Minuti tas- Seduta Nru.42 ġew approvati. Il-Kunsillier P. Feech ippropona u l-Kunsillier A.Pisani ssekondat.

**43.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

43.2.1 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet jekk saritx il-junction box ta' Triq l-Għarbiel k/m Triq is-Sirk. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-works order lil kuntrattur intbagħtet pero' din s'issa għadha ma saritx. Hija ħadet l-inkarigu li tfakkar lil kuntrattur ikkonċernat dwar dan.

43.2.2 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk sarx kuntatt mal-kumpanija SILVER-T sabiex jkun jista' jiġi provdut transport b'xejn lill-anzjani għall-isptar etc. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li hija għamlet kuntatt magħhom u dawn infurmaw li sa l-aħħar ta' din is-sena, dawn se jkunu qed jixtru vetturi oħra u se jkunu qed jinkludu s-Swieqi. Din il-korrispondenza intbagħtet b'imejl lil Kunsillier T. Valentino kif ukoll lis-Sindku.

43.2.3 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-pagament dovut lil kuntrattur li ħadem fuq il-ħitan tas-sejjiegħ tal-Madliena. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li għandha terġa' timtela formola oħra mill-Perit tal-Kunsill sabiex id-Dipartimenti kkonċernati jikkonsidraw dan it-tibdil żgħir li affetwa fil-prezz totali.

**43.3 Rapport mis- Sindku**

43.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

43.3.2 Is-Sindku awgura fejqan ta' malajr lil Viċi Sindku u xtaq juri solidarjeta' mas-Sindku ta' Tas-Sliema dwar l-inċident sfortunatament li kellu waqt li prova jaqdi dmiru ta' Sindku.

43.3.3 Il-Kunsill ġie infurmat li jidher li fi Triq is-Sidra, IM sabu xi problemi ta' drenaġġ u għalhekk sfortunatament jidher li x-xogħol se jieħu aktar fit-tul. Hu assigura li ta' kuljum qed jkun f'kuntatt kemm mal-Perit ta' IM kif ukoll mal-Perit tal-kuntrattur ikkonċernat.

43.3.4 Rigward s-sinjali ta' traffiku fil-parti l-ġdida ta' Triq il-Qasam, sfortunatament dawn għadhom ma sarux. Is-Sindku nforma li hu jibgħat lil-Perit ikkonċernat ta' spiss dwar dawn ix-xogħlijiet pendenti.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |

**43.3 Rapport mis-Sindku – tkompli**

43.3.5 Is-Sindku nforma li hemm bżonn urġenti li jiġu nstallati traffic calmers li kienu inqalgħu speċjalment dik ta' Triq tal-Ibraġ k/m Triq il-Kejla. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv se tkun qed terġa' tagħmel kuntatt mal-kuntrattur responsabli.

43.3.6 Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-MOU li kien ġie ffirmat s-sena l-oħra mill-Kunsill u Cleansing Department fejn dawn kienu wegħduna xi xogħlijiet. Is-Sindku nforma li għalkemm ir-rifreskar taż-żebgħa ma jistgħux issiru minnhom, huma provdulna dual-bins u doggy bins. Hu rringrazzja lis-Sur R. Degaura ta' l-għajnuna tiegħu.

43.3.7 B' referenza għall-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku nforma li sa llum kollox għadu mwaħħal minn naħa ta' l-OPM u għalhekk din is-sejħa għalissa ma tistax tiġi ppublikata. Hu nforma wkoll li s-Sa. Clarissa Buhagiar tista' taġixxi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv sa 16 ta' Ġunju u għalhekk hu se jkun qiegħed jipproponi sabiex din tiġi maħtura bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv sakemm din is-sejħa tiġi ffinalizzata. Il-Kunsillier P. Fenech issekonda din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

43.3.8 Is-Sindku nforma li fi Ġnien E.Barthet wasal fl-aħħar stadju u fadal biss li jitwaħħlu l-bankinijiet, dust bins, railings u l-bandla. Ix- xogħol li bħalissa qiegħed isir fil-*clubhouse* ta' Tennis huwa tal-gypsum.

43.3.9 Il-Kunsill ġie infurmat li waqt il-laqgħa li għaddiet tar-Reġjun ta' Lvant, is-Sindku inota li xi Kunsilli qed jibbenefikaw minn xi fondi ta' Reġjun. Huwa talab sabiex tinġabar iktar informazzoni dwar dan. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tagħmel kunttatt mas-Srgretarju Eżekuttiv.

43.3.10 Is-Sindku nforma li wara li l-Kumitat responsabli mis-Swieqi Fest (fin-nuqqas tal-Kunsillier T. Valentino) iltaqa' ġie issuġeriet li Swieqi Fest ta' dis-sena isir bejn 9 u 11 ta' Settembru. Hu nforma li hemm fondi allokati mir-Regjun għal attivitajiet simili u għalhekk se jsir sforz sabiex kemm jista' jkun il-Kunsill jibbenefika minnhom u għal sena ohra jtella' din lo-attvita'. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |

**44.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

Mill-Kunsillier P. Fenech

44.4.1 Il-Kunsillier informa li nhar l-24 ta' Ġunju se jiġi organizzat kunċert mill-banda tal-KOSMOS fis-7pm fis-sala tal-Kunsill. Huwa ħeġġeġ lil kull kunsiller sabiex jattendi.

Mill-Kunsillier A. Pisani

44.4.2 Hija ssuġeriet sabiex f' xi attivita' relatata titella' wirja dwar it-tieġ Malti. Il-Kunsillier infurmat li inzertat din it-tip ta' wirja u vera kienet interessanti.

44.4.3 Il-Kunsillier staqsiet sabiex kemm jista' jkun tinkines sew Triq G. Bessiera, Triq il-Miżura u Triq tal-Ibraġ.

Mill-Kunsillier E. Rossignaud

44.4.4 Il-Kunsillier staqsa dwar x'inhi s-sitwazzjoni preżenti ta' l-advertising panels li hemm installati ġa fil-lokalita. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tiċċekja kemm hawn installati u kemm hemm mikrija lil terzi persuni. Se tkun qed tipprovdi din l-informazzjoni fis-seduta li jmiss.

44.4.5 Hu staqsa jekk kienx hemm xi progress dwar meta tista' tiġi installata l-*gate* fuq in-naħa ta' wara ta' Ġnien FX Ebejer fi Triq is-Swieqi. Id-Deputat Segretraju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tiċċekja mal-kuntrattur dwar l-ispiża li tinvolvi din il-biċċa xogħol jekk kemm-il darba il-Kunsill jaqbel. Kien hem qbil unaimiu dwar dan.

44.4.6 Il- Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill jistax jimplimenta l-istess proċedura li qed iħaddem il-Kunsill ta' San Ġiljan dwar garanziji li l-kuntratturi qed jintalbu iħallu meta jigu japplikaw għal permessi. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tiċċekja ma' dan il-Kunsill.

44.4.7 Hu ppropona sabiex issir pjan għat-titjib ta' Traffic Managment fil-lokalita'. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li din tiġi diskussa bejn il-Kunsillier u s-Sindku.

44.4.8 Il-Kunsillier staqsa jekk hemmx xi pjan biex jiġu nstallati PV Panels fuq il-bejt tal-Kunsill. Is-Sindku nforma li fil-passat fejn kien qabel l-uffiċċju tal-Kunsill, kien hemm panelli nstallati pero' dawn kienu ġew maqlugħa hekk kif konna mxejna għal uffiċini l-ġodda u bqajna qatt ma sibna l-post fejn nistgħu ninstallawhom.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |

**44.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri – ikomplu**

Mill-Kunsillier T. Valentino

44.4.9 Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li hija attendiet għal seminar dwar ta' kif il-Kunsill jista' jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja ta' tfal pero' b'dispjaċir ġie inuttat li ma tantx kien hemm ħin biex il-Kunsilli jkunu jistgħu jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom.

44.4.10 Hija infurmat li għal darb oħra se tiġi organizzata Ġieħ is-Swieqi fis-16 ta' Settembru. Kien hemm qbil unanimu li din l-attivita' titella' . Il-Kunsillier infurmat li f'kull residenza tqassmet ċirkulari dwar dan u li r-residenti għandhom sa 9 ta' Lulju biex jippreżentaw in-nomina tagħhom. Hija ssuġeriet ukoll li tiġi nstallata plakka bl-ismijiet tal-perusni li diġa' rebħu dan l-Unur.

44.4.11 Il-Kunsill ġie infurmat li hemm pjan sabiex din is-sena titella' l-Festa tal-Madliena nhar it-22 ta' Lulju fil-belvedre ta' quddiem Madliena Fort.

44.4.12 Hija infurmat wkoll li sfortuntament hemm xi dawl tat-toroq li minkejja li ilhom irrapurtati, dawn għadhom ma tranġawx. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li ssir lista ta' tiswijiet pendenti sabiex il-Kunsill jkun avżat x'hemm pendenti eżatt.

Mill-Kunsillier R. Scicluna

44.4.13 Il-Kunsillier infurmat li fi Triq FX Ebejer hemm gypsum board żgħira mitluqa fuq il-bankina u staqsiet jekk hux possibli li din titneħħa. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tiċċekja dwarha.

44.4.14 Hija staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar xi sponspors li jista' joffru għajnuna finanzjajrja għal organizazzjoni ta' Swieqi Fest. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa iktar fid-dettal sabiex jinħolqu xi proposti attreanti li jkunu jistgħu jiġi ppreżentanti b'mod aħjar lil dawn sponsors.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |

**43.5 Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri ieħor**

L-iskeda tal-pagamenti nru.35 ġiet approvata minn dawk preżenti. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Din is-seduta spiċċat fit-19.54 u s-seduta li jmiss se ssir nhar il-Ħamis 14 ta'Lulju 2022 fl-16.00.

Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Dep. Segretarju Eżekuttiv